MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 749/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Julian Briffa**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Julian Briffa** ta’ 30 sena, iben John Mary u Marthese nee’ Darmanin, mwieled l-Imqabba, nhar il-11 t’ Awwissu 1981 u residenti ‘Hlewwa ta’ Mejju’ 36, Triq ic-Cavi, Mqabba, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 454181M, gie akkuzat talli :

Fi Frar 2012, fl-Imqabba u/jew fi bnadi ohra f’Malta, tajt, jew ftiehemt li tagħti jew offrejt jew ipproponejt lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra ghandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Steven Bezzina, player ta’

Sliema Wanderers Football Club, biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players, ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-istess Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Rat li fl-udjenzi tat-13 ta` Frar 2013 u tas-27 ta' Novembru 2013 saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat il-verbal tas-seduta ta` llum stess 27 ta` Novembru 2013;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll tad-difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew iz-zewg stqarrijiet tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena jew sanzjoni applikabbli l-Qorti hija marbuta b'dak li jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 263, li jghid testwalment :

Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem fl-egħmil ta' xi reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-wieħed fosthom li, qabel ma jinbdew xi proċedimenti kriminali, jagħti l-ewwel tagħrif dwar dak ir-reat u

jirrapporta lill-ieħor jew lill-oħrajn li jkunu għamlu r-reat lill-awtoritajiet kompetenti, ikun eżentat mill-piena.

Illi kien l-ufficjal prosekutur li ddikjara, fil-verbal tas-seduta ta` llum stess 27 ta` Novembru 2013, li fil-konfront ta` l-imputat, ghandu japplika tali artikolu tal-ligi. Dan peress illi qabel ma inbdew il-procedimenti kriminali, l-imputat Julian Briffa ta l-ewwel taghrif u indika w irrapporta lil Tanio Spiteri maghruf ukoll bhala Geatan Spiteri li kien ghamel reat bi ksur tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ghall-dawn il-mottivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 3 u 7 tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib u tiddikjara lil Julian Briffa hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu izda, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 7 tal-Kap 263, tiddikjarah bhala ezenti mill-piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------